MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-8 ta' April, 2008

Appell Kriminali Numru. 1/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**James Demanuele**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra James Demanuele, bin Felix u Rose nee` Camilleri, imwieled fl-4 ta' April 1974 u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 235374(M), talli fis-26 ta' Awissu 2005 ghall-habta ta' bejn is-saghtejn u nofs u t-tlieta w nofs ta' wara nofs in-nhar, gewwa l-ufficini tal-Maltapost Head Office f'Hal-Qormi (**1**) kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, (**2**) qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku, u (**3**) ingurja u hedded bi kliem lil Elena Maria Felice;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Jannar 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-

imsemmi James Demanuele hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu xahar detenzjoni u rabtitu b’obbligazzjoni ta’ mitt lira (Ewro 232.93) ghal sena li ma jkellimx, ma jimmolestax u ma jdejjaqx lil Elena Maria Felice u lill-familja taghha skond l-Art. 383 *et seq.* tal-Kodici Kriminali;

Rat ir-rikors ta’ l-imsemmi James Demanuele, minnu pprezentat fl-14 ta’ Jannar 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-28 ta’ Marzu 2008 mnejn jirrizulta li d-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu tlett aggravji. L-ewwel wiehed hu fis-sens li l-ewwel qorti ma setghetx legalment “tasal fuq il-htija bazata fuq sentenza precedenti”. It-tieni aggravju hu, in sostanza, li hu ma ghamel xejn minn dak allegat fl-imputazzjonijiet. It-tielet aggravju hu li dak li jinghad fis-sentenza – cioe` li hu ma kellux access ghall-minuri – ma kienx minnu, ghax huwa fil-fatt kellu tali access skond l-ordnijiet tal-qrati kompetenti izda omm il-minuri, Elena Maria Felice, bi skuza jew ohra, qatt ma hallietu jara lill-imsemmija minuri.

Mill-provi -- li huma kollha traskritti -- mismugha quddiem l-ewwel qorti jirrizulta li fil-gurnata u hin indikati fic-citazzjoni l-appellant, allura imputat, mar fuq il-post tax-xoghol ta’ Elena Maria Felice biex ikellimha. Is-*Security Guards*, li kienu jafu li kien hemm hafna inkwiet bejn l-appellant u l-imsemmija Felice, ma hallewhx jidhol fejn kienet din, izda ppermettewlu li jkellimha biss permezz tat-telefon. Huwa hekk ghamel u fil-kors tat-telefonata huwa heddidha li joqtolha u kellimha hazin u dagha, apparti li gab ruhhu, fil-post minn fejn kien qed icempel u fid-dintorni, b’mod li allarma lil dawk li kienu fil-vicin tieghu dwar l-inkolumita` taghhom jew ta’ haddiehor.

Ma hux minnu dak li hemm fir-rikors ta’ l-appell li l-ewwel qorti sabet htija a bazi ta’ xi sentenza precedenti. Mis-sentenza appellata jidher car li l-ewwel qorti sabet htija a

bazi tal-provi ossia d-deposizzjonijiet tad-diversi xhieda, inkluza Elena Maria Felice, li hija kienet semghet. Huwa minnu li dik il-qorti ghamlet referenza ghal sentenza precedenti (tal-12/1/2004, konfermata fl-appell fil-10/11/2004) fejn l-imputat mhux biss kien hedded lill-Felice izda addirittura kien ikkagunalha feriti gravi fuq il-persuna taghha, izda dan l-ewwel qorti kienet perfettament intitolata li taghmlu anke ghall-finijiet tal-kalibrazzjoni tal-piena. Kwantu ghat-tieni aggravju, dan jirrazenta l-fieragh ghax l-imputazzjonijiet jirrizultaw kollha ampjament ippruvati. It-tielet aggravju ma hu aggravju xejn: l-appellant qieghed semplicement jipprova jiggustifika dak li ghamel billi jinsinwa li martu mhix qed taghtih access ghal bintu.

Kollox ma’ kollox din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha b’xi mod tiddisturba s-sentenza appellata, li qeghda ghalhekk tigi konfermata fl-intier taghha. U peress li mill-atti ma jirrizultax li l-appellant wettaq l-obbligazzjoni bil-miktub kif jirrikjedi l-Artikolu 386 tal-Kodici Kriminali, tordna li din issir bil-miktub fl-atti ta’ dana l-appell bil-forma kif annessa ma’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------